MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 30/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Axisa**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Joseph Axisa, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 39063(M), talli nhar-il 24 ta' Settembru 2010 għall-ħabta tas-2.30pm :

(1) Ma obdiex l-ordni tal-Qorti, skond rikors maħruġ mill-Onor. Imħallef Dr. Noel Cuschieri LL.D nhar-is 17 ta' Settembru 2010, billi ma ħalliex lill-mara tiegħu Maria Carmela Axisa tidħol ġewwa r-residenza matrimonjali tagħhom, fond bin-numbru 11, Triq il-Feniċi, Mosta biex tieħu l-affarijiet kemm tagħha kif ukoll ta' wliedhom.

(2) Bla hsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-ligi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita` tieghu nnifsu, meta ndaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imsemmi Joseph Axisa ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' erba' mitt euro (€400), iżda ma sabitux ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Axisa ppreżentat fis-26 ta' Jannar 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata b'dan li filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u lliberatu minn dina l-imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn din it-tieni imputazzjoni u subordinatament, f'kaz ta' konferma ta' ħtija tat-tieni imputazzjoni illi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skond il-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ma jistax jifhem kif ġie dikjarat mhux ħati ta' l-ewwel imputazzjoni iżda ħati tat-tieni imputazzjoni, u dan għax iċ-ċirkostanzi tal-każ huma tali li jew kellu jinstab ħati taż-żewġ imputazzjonijiet jew illiberat minnhom it-tnejn. Ma jirriżultax illi huwa ma riedx jobdi l-ordni tal-Qorti iżda, tenut kont tal-fatt li ma kienx notifikat bid-digriet relattiv u stante li ma jafx jikteb u jaqra, talab biss li jingħata kopja atd-digriet ħalli jmur bih għand l-avukat ta' fiduċja tiegħu. Is-surġent li kellmu fehem dan u tah żmien sabiex jikkonsulta ma' l-avukat. Isegwi għalhekk illi hu ma kellu l-ebda intenzjoni jieħu l-liġi b'idejh u jagħmel affarih. Id-delitt ta' *ragion fattasi*, jgħid l-appellant, huwa meqjus bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ħustizzja u

amministrazzjoniiet pubbliċi oħra, iżda huwa ġie lliberat mill-imputazzjoni ta' nuqqas ta' ubbidjenza ta' ordni ta' Qorti. Għalhekk kellu jiġi lliberat anke mit-tieni imputazzjoni; (2) li ma hemmx l-eżistenza legali tar-reat ta' *ragion fattasi*. Fl-ebda ħin fl-24 ta' Settembru 2010 ma qal li ma kienx lest li joqghod għall-ordni tal-Qorti. Għalhekk fl-aġir tiegħu nhar l-24 ta' Settembru 2010 ma jinkwadrawx l-elementi legali rikjesti biex jirriżulta r-reat kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali. La jeżisti l-*actus reus* u lanqas il-*mens rea*.

**6.** Biex jikkonfigura ruħu r-reat ta' *ragion fattasi* jridu jikkonkorru dawn l-elementi:

**"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni able Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' *ragion fattasi* jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' *ragion fattasi* jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[1]**

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996

**7.** Li jrid jiġi determinat huwa jekk bl-aġir tiegħu fl-24 ta' Settembru 2010 għall-ħabta tas-2.30 p.m. l-appellant irrendiex ruħu ħati tar-reat ta' *ragion fattasi*.

**8.** Issa, mill-provi jirriżulta illi b'digriet tat-22 ta' Settembru 2010 tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) Maria Axisa, mart l-appellant, ġiet awtorizzata tidħol fid-dar konjugali bl-assistenza tal-Marixxal u l-Pulizija biex tieħu l-effetti personali tagħha u tat-tfal, partikolarment dawk relatati ma' l-iskola tat-tfal. Fl-24 ta' Settembru 2010 għall-ħabta tat-14.55 hija marret l-għassa tal-Pulizija tal-Mosta fejn kellmet lil P.S. 1574 Renaldo Cremona u talbitu l-assistenza sabiex tmur ġewwa d-dar matrimonjali. P.S. Cremona ċempel lill-appellant, qallu bid-digriet imsemmi, l-appellant qallu li ma kienx ġie notifikat bih, u talbu kopja sabiex ikellem lill-avukat tiegħu fir-rigward għax ma kienx jaf jaqra u jikteb. Ma jirriżultax illi qabel ma marret l-għassa Maria Axisa ppruvat tidħol id-dar jew ippruvat tagħmel kuntatt ma' l-appellant. Meta xehdet quddiem din il-Qorti hija spjegat li "l-każ kien ilu għaddej". Qalet li kienet ilha magħluqa barra mid-dar mill-24 ta' Awissu 2010 u kien kellmu anke l-Ispettur quddiemha biex iħalliha tidħol id-dar biex tieħu l-affarijiet tagħha iżda ma riedx. Għalkemm kellha ċavetta, kellha kullimkien imbarrat. Dan kollu li xehdet Maria Axisa ma ġiex kontradett mill-appellant.

**9.** Ma jirriżultax illi Maria Axisa kienet ġiet allontanata mid-dar konjugali b'xi digriet tal-Qorti iżda b'opera ta' l-appellant stess. Jiġifieri hija kellha kull dritt li tidħol fid-dar konjugali għal ħwejjiġha u dawk tat-tfal. Meta fl-24 ta' Settembru P.S. Cremona ċempel lill-appellant biex jinfurmah bid-digriet imsemmi, u l-appellant wieġeb kif wieġeb, kien qiegħed xorta jċaħħad lil martu mill-aċċess għal ħwejjiġha u dawk tat-tfal. Ma kien hemm il-ħtieġa ta' ebda parir legali fir-rigward. Il-kwistjoni kienet diġa` ilha sejra għal xahar. Bħalma eventwalment marret martu u sabet kollox lest fil-basktijiet, seta' l-appellant għamel hekk mill-ewwel. Jiġifieri fl-24 ta' Settembru 2010 l-appellant ma kienx *in buona fede*, u baqa' jostakolaha minn dak li kellha dritt għalih. Kieku l-appellant beża' li martu kienet b'xi mod sejra tippreġudikalu l-posizzjoni

tiegħu fir-rigward tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, huwa kellu l-mezzi skond il-liġi biex jikkawtela d-drittijiet tiegħu mingħajr it-tfixkil li għamel lil martu. U ċertament dan kien konxju tiegħu ġaladarba diġa` kien hemm inkontru ma’ l-Ispettur tal-Pulizija u saħansitra kellu l-avukat tiegħu biex jiggwidah. Għalhekk l-elementi tar-*ragion fattasi* jissussistu anke għal dak li jirrigwarda l-24 ta’ Settembru 2010.

**10.** Kwantu għall-piena, stante illi l-ħwejjeġ li riedet martu ngħatawlha ftit ġranet wara, u ċioe` qabel ma ttieħdu dawn il-proċeduri kontra tiegħu, u peress illi din il-Qorti hi tal-fehma li hija meħtieġa miżura illi tkun ta’ deterrent għall-appellant, sejra tirriforma l-piena.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannatu għall-ħlas ta’ multa ta’ erba’ mitt euro (€400) u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sitt xhur millum. Din il-Qorti, a tenur ta’ l-artikolu 22(3) ta’ l-istess Kap. 446, fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, ikun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------